Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,214, 18 ta' Ġunju, 2019

Taqsima B

A.L. 124 tal-2019

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Verifika)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 72 tal-Att dwar Gvern Lokali, il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Verifika) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Verifika), hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S.363.02.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "L-Udituri għandhom jagħmlu verifika *mid-term* kull meta jkun hemm bdil ta' Segretarju Eżekuttiv.", għandhom jiġu mħassra;

(b) is-subregolamenti (2) sa (4) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subregolamenti (3) sa (5) rispettivament;

(ċ) minnufih wara s-subregolament (1) tiegħu kif emendat, għandu jiżdied dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Kull darba li jkun hemm bdil ta' Segretarju Eżekuttiv, għandhom jiġu mħejjija sett ta' *financial statements* li għandhom iservu bħala handover u li jkunu jkopru l-perjodu mill-bidu tas-sena sal-aħħar jum tax-xogħol ta' dak is-Segretarju Eżekuttiv li jkun ser itemm l-impjieg tiegħu mal-Kunsill. Dawn il-*financial statements* għandhom jitħejjew qabel it-tmiem tal-impjieg tas-Segretarju Eżekuttiv fil-kariga u kopja tagħhom għandha tintbagħat lill-Awditur Ġenerali u lid-Direttur:

Iżda dan għandu jkun bla preġudizzju għad-dritt tas-Segretarju Eżekuttiv l-ġdid li jitlob verifika *mid-term* jekk iħoss il-ħtieġa.";

(d) fis-subregolament (3) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, il-kliem "L-Awditur Ġenerali għandu jaħtar", għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Awditur Ġenerali għandu jaħtar", u minnufih qabel il-kliem "l-Awditur Ġenerali għandu jaħtar", kif emendat, għandu jiżdied il-kliem "Kull meta tintalab verifika *mid-term*,";

(e) fir-subregolament (4) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, il-kliem "mill-1 ta' April", għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-bidu tas-sena"; u

(f) fis-subregolament (5) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, il-kliem "fis-subregolament (3)", għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fis-subregolament (4)".